# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 137**

**Citaz. numru: 35/00 M1 NA**

**Michelle Caruana Dingli, f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem t' binha minuri Edward Caruana Dingli**

**vs**

**Gordon Caruana Dingli, Antoine Gambin u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjonijiet ipprezentata mill-attrici fis-7 ta' Jannar 2000 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici zzewget lill-konvenut Gordon Caruana Dingli fis-6 ta' Mejju 1990;

Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti kienet saret impossibbli, fil-fatt b'digriet tas-Sekond'Awla ta' din l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' Marzu 1999, il-kontendenti kienu gew awtorizzati jipprocedu bil-kawza ghas-separazzjoni personali ghar-ragunijiet indikati fir-rikors ta' l-attrici tas-7 ta' Ottubru 1998;

Illi l-kontendenti Caruana Dingli fil-fatt ma ghexux aktar flimkien minn Awissu 1998 'l hawn;

Illi hija kellha relazzjoni mal-konvenut l-iehor Antoine Gambin u minn din ir-relazzjoni twieled tifel Edward Caruana Dingli fl-10 ta' Novembru 1999, u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid mahrug mir-Registru Pubbliku (kopja hawn annessa w immarkata Dokument "A");

Illi l-istatus attwali ta' l-imsemmi minuri hu ta' iben Antoine Gambin u mhux iben Gordon Caruana Dingli kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk, hemm konflitt bejn ir-realta' ta' l-istat tal-minorenni u l-istat tieghu kif iddikjarat fl-Att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru 3899 tas-sena 1999 (ara Dokument "A");

Illi fil-fatt Edward Caruana Dingli huwa iben Antoine Gambin u mhux ta' Gordon Caruana Dingli kontrarjament ghal dak ufficjalment irregistrat fl-Att tat-Twelid tieghu;

TALBET li din il-Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji:-

1. tiddikjara li l-konvenut Antoine Gambin hu l-missier naturali ta' Edward Caruana Dingli li twieled fl-10 ta' Novembru 1999;

2. bhala konsekwenza tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid ta' l-istess minuri numru 3899 tas-sena 1999 (Dokument "A") mid-Direttur tar-Registru Pubbliku billi jigu miktuba l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija u cioe' ta' Antoine Gambin, sengha jew stat iehor tieghu, l-eta' tieghu w il-post fejn twieled u fejn joqghod, u isem u kunjom missieru, jigu mhassra l-konnotati riferibbli ghall-konvenut Gordon Caruana Dingli u jigu

minflokhom fil-kolonni appositi mnizzlin il-partikolaritajiet ta' Antoine Gambin kif inghad hawn fuq u/jew il-korrezzjoni ohra skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom, li huma kollha minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tat-3 ta' April 2000 fejn eccepixxa illi:

1. "Illi l-att tat-twelid numru 3899/1999 relattiv ghall-minuri Edward gie redatt korrettement skond il-ligi u jirrifletti l-istat legittimu tal-wild fl-epoka tat-twelid;

2. Fil-mertu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li dawn ma jinkwadrawx

ruhhom fi hdan il-provvedimenti tal-Kodici Civili oltre li dan it-tentattiv imur kontra l-buon ordni tal-familja;

4. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova ta' l-impossibbilita' fizika ta' koabitazzjoni bejn l-attrici w il-konvenut zewgha fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija;

5. Illi wkoll bla pregudizzju ghandhom jinhatru kuraturi indipendenti sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Edward u dan sabiex jigi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess;

6. Illi bla pregudizzju, f'kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, l-konvenut Antoine Gambin ghandu jigi ndikat bhala "missier illegittimu", oltre l-fatt li ghandhom jigu specifikati d-dettalji personali ta' l-istess Antoine Gambin li l-attrici qed titlob li jigu inseriti fl-att tat-twelid in kwistjoni, kif ukoll ghandhom jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal patikolaritajiet ta' l-omm;

7. Illi inoltre u bla pregudizzju, kawzi bhal dawn fejn ikun qieghed jintalab bdil fl-istat legittimu ta' wild huma ta'

natura delikata hafna stante li jekk tali bdil jigi akkordat ser ikollu effett irriversibbli fuq il-hajja tal-minuri bil-konsegwenzi kollha legali, morali u socjali li din il-bidla ggib maghha, u huwa ghalhekk li jinhtieg li kwalunkwe prova li titressaq tkun konvincenti w ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar jekk is-separazzjoni li ssemmi l-attrici minn ma' zewgha hija separazzjoni *de facto* u mhux *de jure*;

8. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid mertu tal-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghall-esponent, huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Gordon Caruana Dingli tal-5 ta' April 2000 fejn eccepixxa illi

1. "Illi l-att tat-twelid numru 3899/1999 relattiv ghall-minuri Edward gie redatt korrettement skond il-ligi u jirrifletti l-istat legittimu tal-wild fl-epoka tat-twelid;

2. Fil-mertu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li dawn ma jinkwadrawx ruhhom fi hdan il-provvedimenti tal-Kodici Civili oltre li dan it-tentattiv imur kontra l-buon ordni tal-familja;

4. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova ta' l-impossibbilita' fizika ta' koabitazzjoni bejn l-attrici w il-konvenut zewgha fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija;

5. Illi wkoll bla pregudizzju ghandhom jinhatru kuraturi indipendenti sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Edward u dan sabiex jigi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess;

6. Illi bla pregudizzju, f'kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, l-konvenut Antoine Gambin ghandu jigi ndikat bhala "missier illegittimu", oltre l-fatt li ghandhom jigu specifikati d-dettalji personali ta' l-istess Antoine Gambin li l-attrici qed titlob li jigu inseriti fl-att tat-twelid in kwistjoni, kif ukoll ghandhom jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal patikolaritajiet ta' l-omm;

7. Illi inoltre u bla pregudizzju, kawzi bhal dawn fejn ikun qieghed jintalab bdil fl-istat legittimu ta' wild huma ta' natura delikata hafna stante li jekk tali bdil jigi akkordat ser ikollu effett irriversibbli fuq il-hajja tal-minuri bil-konsegwenzi kollha legali, morali u socjali li din il-bidla ggib maghha, u huwa ghalhekk li jinhtieg li kwalunkwe prova li titressaq tkun konvincenti w ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar jekk is-separazzjoni li ssemmi l-attrici minn ma' zewgha hija separazzjoni *de facto* u mhux *de jure*;

8. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid mertu tal-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghall-esponent, huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Antoine Gambin tad-9 ta' Gunju 2000 fejn ammetta illi l-minuri Edward Caruana Dingli huwa l-wild naturali tieghu.

Fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2000 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Greta Agius biex tigbor il-provi. Il-provi f'din il-kawza ngabru u huma inseriti f'kawza ohra Citazzjoni Numru 2626/99NA li hija kawza ta' denegata paternita' dwar l-istess tarbija proposta mill-konvenut odjern Gordon Caruana Dingli kontra l-attrici martu. Il-provi ghalhekk migbura fil-kawza l-ohra ghandhom ighoddu ghal din il-kawza (ara mhux biss il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2000 izda wkoll dak tat-18 ta' Gunju 2001). Fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2001 il-partijiet iddikjaraw illi l-provi gew maghluqa w il-kawza setghet tibqa' differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-kawza l-ohra fuq citata u li giet deciza llum stess din il-Qorti kienet waslet ghal konkluzzjoni illi l-minuri Edward Caruana Dingli ma kienx il-wild tal-konvenut Gordon Caruana Dingli. Dan l-istat ta' fatt u ta' dritt fih innifsu apparti milli jservi bhala l-ewwel pass f'din il-kawza jservi wkoll partikolarment biex jigu sorvolati l-eccezzjonijiet ta' natura sostanzjali sollevata mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku partikolarment l-eccezzjonijiet numru 3, 4 u 7. Mill-provi migbura fil-kawza l-ohra pero' u li ghalihom issir piena riferenza rrizulta wkoll illi t-tarbija in kwistjoni twieldet mir-relazzjoni extra-maritali illi l-attrici kellha mal-konvenut Antoine Gambin. Ghar-ragunijiet ukoll moghtija f'dik is-sentenza mill-provi jirrizulta wkoll dak ikkontemplat fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li a bazi tieghu t-talba attrici hija legalment proponibbli.

Finalment fir-rigward tal-hames eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Caruana Dingli, minkejja illi dawn l-eccezzjonijiet ma gew qatt ittrattati w indirizzati fil-fehma tal-Qorti huma, f'dan l-istadju, sorvolati mid-decide fuq il-meritu.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara li l-konvenut Antoine Gambin hu l-missier naturali ta' Edward Caruana Dingli li twieled fl-10 ta' Novembru 1999;

2. bhala konsegwenza tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid ta' l-istess minuri Numru 3899 tas-sena 1999 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku billi jigu miktuba l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija u cioe' ta' Antoine Gambin, is-sengha jew stat iehor tieghu, l-eta' tieghu u isem u kunjom missieru, u ghalhekk jigu mhassra l-konnotati riferibbli ghall-konvenut Gordon Caruana Dingli u jigu minflok fil-kolonni appoziti mnizzla l-partikolaritajiet ta' Antoine Gambin kif inghad hawn fuq, b'dan li jigi rispettat u inserit ukoll dak eccepiet mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sitt eccezzjoni tieghu.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom ikunu ssopportati ugwalment biss bejn l-attrici w il-

konvenut Gambin u l-partijiet l-ohra ma ghandhom ibatu ebda spejjes.

Finalment kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku mir-Registratur ta' dawn il-Qrati.

Deputat Registratur

rf.